# BALLATA

Titriegħed fl-għaxija
Tax-xemx l-aħħar dija
Fuq baħar u wileġ u ħdura;
Poeta waħdieni,
Qalb sewda, ħemdieni,
Kien jgħanni ġo ħsiebu n-natura.

Ħanina, sabieħa,
Tal-ward l-ogħna fwieħa,
Għannieha minn qalbu ferħana;
Il-ġmiel ta' ħajjitna,
Il-hemm ta' ġrajjitna,
Il-hena, l-imħabba setgħana
Għanniehom bi ħrara,
Imkebbes minn xrara
Li xegħlet ġo fih l-isbaħ għana.

Għaddew minn ġo ħsiebu
L-iljieli li ħbiebu
Fil-għors, fit-tbahrid kienu sahru;
U għanna l-imħabba
Taż-żgħazagħ, imxabba'
Miż-żifna qabbieża li daru.

'Ma għaddiet dik is-siegħa,
Is-siegħa li fiha
Il-hena jiżżewweġ mal-ħajja;
U tbiddlet il-mewġa,
U tqallbet il-fewġa,
Ix-xemx 'l hinn mix-xefaq titlajja
Ħanina, le għadha,
U xħin jisbaħ għada
Hi ġġarrab tibdila ta' ġrajja.

Għax raqdet il-lehma,
U tħassret il-fehma
Li xerrdet ġo ruħ il-poeta
Id-dija tal-għana.
Għajjiena, xebgħana
Sfat qalbu titniehed, imriegħda:

"Għid, warda tal-ġnejna,
Kemm lilek saqqejna
Bid-dmugħ ta' mħabbitna qawwija;
Hi marret, hi marret, Rożina maħbuba;
Fejn marret, ja warda? għid,—qalbi midruba."

U nġabret f'werqitha,
U ngħalqet f'qoxritha,
Il-warda, bla wieġbet; 'ma n-nida
Li qattar mill-weraq
'il qalbu dlonk seraq
Għax stħajlu d-dmugħ tagħha
Inixxi, fil-ħin li jserraħha.

Il-lejl daħal ġmielu,
Sħab iswed għaddielu
Minn moħħu; hu tbikkem mal-ħsieb:
"Fejn hi l-poeżija,
L-imħabba, t-tgawdija?
Il-ħolm kbir li ħlomna, kif għasfar u dieb?"

U għadda d-dell ħiemed tal-mewt minn quddiemu,
U sama' titniehed qanpiena fil-bogħod,...
Mal-ħsieb triegħed kliemu,
Dmugħ ċarċar, xħin jiemu
It-tmiem ħabbru: ruħu bdiet tingħi, tirtogħod.

"Poeta, siegħtek
Fil-qrib, u ħajjetek
Ma ddumx ma tintemm," hekk ilħna qalulu.
Il-qamar fis-sema
Xifer sbejjaħ, u l-ġemgħa
Tal-kwiekeb ċkejknin triqtu mwiegħra dawwlulu.

Hu mexa f'tarf sabru. Hu ħeffef. Hu ġera.
Fil-baħar sewdieni, tal-mewt sab il-mera,
Tal-mewt, l-aħħar hena minn tiegħu,
U daħak ferrieħi. Tmiem ħajtu kien qorob,
Il-ħajja li tħabat, l-imrar li kien xorob;
Mal-ħsieb demmu kesaħ: il-mewġ ħaddan miegħu.

Rożina, dik l-għajta
Li dwiet, xħin il-ġgajta
Tal-ħalel għoliet, u sebqitu fil-ħila;
Madwaru l-mewġ ħabbat,
U gerger u sabbat, —
Hu triegħed xħin ħaseb fir-raqda qalila.

Fih mietet il-ħajja sabieħa tal-għana,
U ħemdet ġo qalbu t-tektika ta' mħabba:
'Ma fis-swali mdawwlin
Ferħanin... għaddejjin...
Mal-mewġa meqjusa taż-żfin...
Kotra żgħażagħ ma' kotra xbejbiet. Daħkana,
Għajjiena, f'ħarsitha t-tbissima xewqana,
Rożina, wiċċ l-hena, kemm żifnet!
Taħt trab iż-żmien difnet
L-imħabba sabieħa, ħanina u qawwija,
L-imħabba li nfetħet fil-fjur taż-żgħużija.

Ġużè Chetcuti